MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 710/2005

**Maria Concetta sive Mari armla ta' Colin Shires (karta ta' l-identita` numru 964450 (M)) f'isimha u f'isem binha Tristan Shires (karta ta' l-identita` numru 13779 (M)) u kif ukoll Michelle Shires (karta ta' l-identita` numru 430596 (M))**

**vs**

**Joseph Bonello (karta ta' l-identita` numru 746146 (M)) u Vincent Bonello (karta ta' l-identita` numru 861347 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni promotrici datata l-4 t'Awwissu, 2005, li permezz taghha l-attrici *proprio et nomine* sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi fil-kawza **Edgar Bonello et vs Maria Shires et deciza minn din il-qorti, fil-21 ta' Marzu,**

**2005, (Citazzjoni Numru 493/88),** it-talbiet tal-konvenuti odjerni, li f'dik il-procedura kienu atturi, *qua* eredi ta' Edgar Bonello, gew michuda, (ara fol 6);

1.2 Illi in konnessjoni tal-istess kawza indikata fil-paragrafu precedenti kien ukoll inhareg mandat ta' impediment ta' partenza numru 1856/83, (Qorti tal-Kummerc), kontra l-attrici odjerna Mari Shires u zewgha Colin illum mejjet;

1.3 Illi f'Lulju, 1984, wara li inharget garanzija bankarja, gie rilaxxat id-debitu kontro-mandat;

1.4 Illi in segwitu inhareg mandat ta' sekwestru numru 5061/99 kontra l-istess konjugi Shires, liema mandat baqa' jsehh ghal snin;

1.5 Illi stante li fil-kawza fuq imsemmija (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel), kienu michuda t-talbiet attrici bl-ispejjez, il-konvenuti odjerni li f'isimhom gew trasfuzi l-atti relattivi, huma obbligati jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez u danni sofferti mill-atturi odjerni;

1.6 Illi minhabba l-imsemmija mandati l-atturi sofrew hsara stante li l-fondi u assi relattivi li setghu kienu liberament disponibbli ghall-atturi biex ihaddmuhom fil-hanut ta' gojjellerija minnhom gestit u jkollhom il-qliegh fuqu, konsegwenza tal-istess mandat dawn ma setghux jisfruttaw il-kapital li kien gie hekk mizmum u sekwestrat;

1.7 Illi ghal dawn id-danni huma l-konvenuti li ghandhom jaghmlu tajjeb ghalih;

1.8 Illi nonostante li nterpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

1.9 Illi ghalhekk l-atturi ma kellhomx alternattiva hlief li jaderixxu din il-qorti biex il-konvenuti jkollhom l-opportunita` jwiegbu ghat-talbiet attrici u jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.9.1. Tiddikjara lill-konvenuti solidarjament responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi bl-imsemmija mandati;

1.9.2. Tillikwida d-danni sofferti u jekk hemm bzonn, bl-opra ta’ periti nominandi;

1.9.3. Tikkundanna lill-konvenuti biex solidarjament ihallsu lill-atturi is-somma hekk likwidata;

1.9.4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-interessi fuq id-danni hekk likwidati b’effett mill-21 ta’ Marzu, 2005, bir-rata stipulata fl-avviz legali 233 tas-sena 2005;

1.9.5. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

2.0. Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-26 t’Awwissu, 2005, li permezz taghha l-konvenuti sintetikament eccepew is-segwenti:

2.1. Illi qabel xejn l-attrici Maria Concetta Shires trid taghti prova skont il-ligi tal-mandat taghha li tirrapprezenta lil binha Tristan;

2.2. Illi l-gudizzju mhux integru u l-legittimu kontradittur ghandhom jinkludu lill-istess Maria Concetta Shires;

2.3. Illi *di piu`*, l-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* tal-artikli 2153 u 2156 (d) u (f) tal-Kodici Civili;

2.4. Illi *in oltre* l-istess azzjoni kif proposta hi nulla u nsostenibbli ghaliex jonqsu:

2.4.1. Il-premessi;

2.4.2. Il-kawzali; u

2.4.3. It-talbiet dikjaratorji;

kif kontemplati mill-artikli 836 (8) u (9) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.5. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati stante li:

2.5.1. Il-konvenuti u l-awturi taghhom ma jistghux jigu ritenuti responsabbli ghal xi danni stante li ghamlu uzu tal-jeddijiet taghhom fil-qies skont l-artiklu 1030 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.5.2. Illi sussidjarjament, mhux veru li l-atturi sofrew xi danni;

2.5.3. Illi anke kieku jirrizultaw xi danni, parti sostanzjali minnhom kienu ikkagunati mill-atturi u mill-illum mejjet Colin Shires;

2.5.4. Illi l-avviz legali 233 tal-2005 mhux applikabbli;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-5 ta’ Dicembru, 2005, li permezz tieghu iddikjarat li kienet ser tisma’ l-provi fuq l-eccezzjonijiet preliminari u jekk ikun il-kaz ghat-trattazzjoni finali, (ara fol 39);

4. Rat il-verbal kongunt datat is-6 t’April, 2006, li permezz tieghu il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jaqblu li l-eccezzjonijiet preliminari jigu trattati flimkien mal-mertu tal-kawza, (ara fol 67);

5. Rat id-digriet taghha datat il-11 t’April, 2012, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex it-trattazzjoni finali tal-kawza ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 262);

6. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

7. Rat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

8. Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha;

9. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivament datati t-30 t'Ottubru, 2012, (ara fol 268) u t-22 ta' Mejju, 2013, (ara fol 275);

10.Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

11.0. Illi l-fatti li wasslu ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament riassunti bil-mod segwenti:

11.1. Illi l-origini tas-saga gudizzjarja riskontrata taf l-origini taghha ghall-kawza li missier l-attrici u l-konvenuti odjerni kienu intavolaw fl-1983 kontra l-attrici odjerna u zewgha, illum mejjet, (ara fol 6);

11.2. Illi l-eventwali kawza introdotta kontra l-attrici odjerna u zewgha indikata fil-paragrafu precedenti kienet biex dawn ihallsu lil missier l-attrici odjerna l-valur intrinsiku ta' oggetti tad-deheb u oggetti ohra prezzjuzi valutati komplessivament fl-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00);

11.3. Illi dik il-procedura kienet mehtiega biex missier l-attrici odjerna jithallas tal-oggetti *de quo* li kien ikkonsenjalha bl-intiza li dawn kellhom ihallsuh meta jbieghuhom;

11.4. Illi meta missier l-attrici odjerna intavola l-kawza fuq riferita, ghalkemm agixxa f'isem il-komunjoni tal-akkwisti, dak iz-zmien ma kienx hemm il-htiega li martu tippartecipa bhala ko-attrici fl-istess kawza;

11.5. Illi l-kawza hekk introdotta minn missier l-attrici fl-1983 fuq riferita, (ara paragrafu numru hdax punt wiehed, (11.1.), aktar qabel), kienet deciza fil-21 ta' Marzu, 2005, u l-ezitu kien favur l-attrici odjerna u zewgha, (ara fol 6);

11.6. Illi tul il-procedura fuq hekk riferita inhargu wkoll il-mandati meritu ta' din il-procedura;

Ikkonsidrat:

12.0. Illi f'dan ir-rigward, preliminarjament waqt li atturi qed jitolbu d-danni, il-konvenuti qed jecepixxu l-preskrizzjoni, (ara paragrafu numru tnejn punt tlieta, (2.3), aktar qabel);

12.1. Illi l-artikli tal-Kodici Civili citati mill-konvenuti huma is-segwenti:

12.1.1. L-artiklu 2153 u

12.1.2. L-artiklu 2156 (d) u (f);

12.2. Illi l-artiklu 2153 tal-Kap 16 jghid is-segwenti:

"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn";

12.3. Illi l-artiklu 2156 tal-Kap 16 jistabbilixxi li l-azzjonijiet hawn elenkati jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames (5) snin:

(d) "L-azzjonijiet ghall-hlas ta' imghaxijiet ta' somom mehuda b'self jew taht titolu iehor, u in generali, ta' dak kollu li jithallas bis-sena jew kull tant zmien iehor aqsar minn sena";

(f) "L-azzjoni ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku";

12.4. Illi nonostante dak rilevat fin-nota tal-eccezzjonijiet, (ara fol 36), l-istess konvenuti irrinunzjaw ghall-eccezzjoni sollevata taht l-artiklu 2156 fuq citata, (ara fol 276);

Ikkonsidrat:

13.0. Illi fir-rigward tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 fuq citat ghandu jinghad is-segwenti:

13.1. Illi l-kontendenti jaqblu li *ai termini* tal-artiklu 2137 tal-Kap 16, il-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dak inhar li tkun tista' tigi ezercitata l-azzjoni;

13.2. Illi fejn il-kontendenti ma jaqblux hu rigward id-data minn meta jibda jghodd il-perjodu in dizamina;

13.3. Illi f'dan ir-rigward:

13.3.1. L-atturi jsostnu li l-*punctum temporis* ghandu jkun il-21 ta' Marzu, 2005 – id-data tas-sentenza Bonello vs Shires, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel);

13.3.2. Illi l-konvenuti jsostnu s-segwenti:

13.3.2.i. In kwantu ghad-danni ikkagunati imhabba l-impediment ta' partenza 1856/83: dan ghandu jibda mis-7 ta' Dicembru, 1983, meta inhareg;

13.3.2.ii. In kwantu ghad-danni ikkagunati minhabba n-nuqqas ta' possibilita` ta' uzu ta' xi deheb li kellu jigi depozitat biex tinhareg garanzija bankarja: dan ghandu jibda mid-data tal-istess impediment tas-safar cioe`, is-7 ta' Dicembru, 1983.

Ikkonsidrat:

14. Illi fir-rigward taqbel mal-kontenzjoni tal-konvenuti li jiccitaw il-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs Angelo Xuereb nomine, tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, datata t-3 ta' Lulju, 2003**, li tistabbilixxi:

"Ghar-rigward ta' kull terminu ta' preskrizzjoni, jinghad in linea ta' principju li z-zmien jibda jghodd minn dak inhar tal-incident u mhux mid-data li fih il-persuna sar jaf li sofra danni; id-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi, allura, determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-

hsara, (ara Scicluna vs Tracey, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta' Gunju, 1900, (Vol. XVII.1.15), u Caruana vs Runza, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Mejju, 1999)";

15. Illi in effetti, l-istess artiklu 2137 fuq riferit, (ara paragrafu numru tlettax punt wiehed, (13.1), aktar qabel), jistabbilixxi bi kjarezza li:

" … il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata …";

16. Illi ghalhekk l-impossibilita` li wiehed jagixxi trid tkun wahda indipendenti mill-volonta` tieghu, estranea minnu u impossibilita` li ma jkunx jista' jirrimwovi, (ara **Lapira vs *C&A Company Limited* tat-2 ta' Gunju, 2003, tal-Qorti ta' l-Appell**);

Ikkonsidrat:

17. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku li la l-mandati ta' sekwestru u t'impediment ta' safar kienu inoltrati fl-1983, allura l-attrici setghet tirribattihom immedjatament u mhux thalli jghaddi dan iz-zmien kollu, (tnejn u ghoxrin (22) sena), biex tindirizzhom;

18. Illi *di piu`*, ghandu jigi wkoll sottolineat li l-istess attrici ghandha d-dover li timminimizza d-danni riskontrati u mhux thallihom jakkumulaw fis-silenzju biex tiskatta sorpriza procedurali meta jidhrilha li jkun opportun;

19.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenuti ippruvaw l-eccezzjoni taghhom tal-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna a bazi tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 u konsegwentement, filwaqt li:

**DECIDE:**

19.1. Tilqa’ l-eccezzjoni preliminari rigwardanti l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a bazi tal-artiklu 2153 tal-Kodici Civili kif fuq spjegat:

19.2. Tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta bit-trapass ta’ sentejn (2) mid-data li fiha l-attrici setghet tipprocedi;

19.3. Tiddikjara wkoll li ghall-ekonomija tal-gudizzju qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din il-procedura;

19.4. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-atturi.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------